A.L. 23 ta' l-1992

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1992 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-31 ta' Jannar, 1992.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Flat numru 2, Blokk F, Unit Nru. 3, Triq Ġużè D'Amato, Raħal Ġdid (Tenement No. 62260).

(2) Flat numru 12, Blokk B-1, Qasam tad-Djar tal-Gvern, Pietà (Tenement No. 69749).

(3) Flat numru 5, Blokk 5, Bieb D, Misraħ Lewża, San Ġwann (Tenement No. 66282).

(4) Dar bin-numru 11, Area 1, Triq Lapsi, Bini tal-Gvern Ta' Ġiorni, San Ġiljan (Tenement No. 66814).